# Diretturi Eletti mill-Ħaddiema

*Saviour Rizzo*
Editur

WPDC-FES
1997

# DIRETTURI ELETTI MILL-HADDIEMA

editur
Saviour Rizzo

WPDC-FES
1997

KONTENUT


| | | |
|---|---|---|
| Dahla | Saviour Rizzo | 3 |
| Mod Prattiku ta' kif jahdem Haddiem Direttur | | 7 |
| | Reno Borg | |
| Kommunikazzjoni minn fuq ghall-Isfel | | 13 |
| | Tony Xuereb | |
| Tlett Mudelli ta' Direttur Haddiem | | 21 |
| | Godfrey Baldacchino | |
| Holqa mhux Kajjik | | 29 |
| | Lino Spiteri M.P. | |
| Sofferenzi ta' Direttur Haddiem | | 41 |
| | Tony Xuereb | |
| Personalita u Fiducja | | 45 |
| | Charles Cassar | |
| Lejalta lejn l-Azjenda | | 49 |
| | Godfrey Baldacchino | |
| Is-Sahha ta-Haddiema u l-Edukazzjoni | | 51 |
| | Lino Spiteri M.P. | |
| Appendici | | 57 |

**DAHLA**

Bosta żviluppi li seħħew fil-qasam tar-Relazzjonijiet Industrijali ġabu bidliet kbar fid-dinja tax-xogħol. Il-kunċett ta' Ħaddiem Direttur hu wieħed minn dawn il-bidliet u żviluppi. Hekk qed jiġri fostna, għalkemm hawn Malta ma nistgħux ngħidu li dan il-kunċett rabba xi għeruq twal u sodi. Kien f'dawn l-aħħar għoxrin sena li beda jitwettaq fis-settur pubbliku, f'dawk il-korporazzjonijiet jew azjendi li fihom il-Gvern kellu maġġoranza ta' l-ishma bħal EneMalta, Telemalta, Air Malta u Bank of Valletta. Matul dawn is-snin il-kunċett la ġie sostnut u lanqas mifrux. Madankollu xi politiċi kull tant żmien ituħ imbuttatura u jerġa jibda jiġbed l-attenzjoni tan-nies u tal-media.

Hekk nistgħu ngħidu li ġara dan l-aħħar. Wara l-bidla fil-gvern f'Ottubru 1996, permezz tal-Ministru Lino Spiteri, tħabbar li l-Gvern il-ġdid kien bi ħsiebu jaħtar aktar ħaddiema diretturi f'dawk l-azjendi fejn il-gvern għandu sehem fit-tmexxija. Fl-istess waqt, il-General Workers' Unjon reġgħet geddet il-kampanja tagħha biex jitkattru d-diretturi eletti mill-ħaddiema. Id-dibattitu reġa qam, dwar x'għandu jkun r-rwol ta' Ħaddiem Direttur u x'ghandhom ikunu r-risponsabilitajiet tiegħu/tagħha.

Iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema (WPDC) ġewwa l-Universita ta' Malta ħass li għandu jagħti s-sehem tiegħu f'dan id-dibattitu. Dan iċ-Centru b'kollaborazzjoni ma Friedrich Ebert

Stiftung (FES) ilu mis-sena 1990 jorganiżżabeda sensiela ta' '*weekend seminars* fejn jiġu diskussi il-kwistjonijiet attwali fid-dinja tax-xogħol. Għalhekk għal l-ewwel seminar li sar fl-1997 iċ-Ċentru għażel li jiffoka fuq ***Il-Haddiem Direttur.*** Dan is-Seminar sar nhar is-Sibt u l-Ħadd 8 u 9 ta' Marzu ġewwa is-Selmun Palace Hotel. Il-mistieden speċjali kien Mr Helmut Klein Schneider riċerkatur Germaniz li hu ntiz fil-qasam tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema gewwa pajjizu.

Waqt dan is-Seminar ta' jumejn ġie organiżżat forum dwar L-esperjenzi tar-rwol tal-Haddiem Direttur f'Malta. Fiħ ħadu sehem l-Onorevoli Lino Spiteri li dak iż-żmien kien għadu fil-karigat ta' Ministru tal-Finanzi u kien ukoll responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali, żewg ex-Haddiema Diretturi, Dr Reno Borg u Tony Xuereb u rappreżentant taċ-Ċentru, Dr Godfrey Baldacchino. Dan il-ktejjeb jikkonsisti f'rapport tad-diskorsi ta' dawn l-erba kelliema u ta' xi diskussjonijiet li qamu waqt il-forum.

L-esperjenzi taż-żewġ Haddiema Diretturi kienu ta' għajnuna fl-analiżi u l-kritika tar-rwol ta' Haddiem Direttur. It-tnejn qablu li biex twettaq dan r-rwol wieħed irid ikun prattiku, lest li jagħmel sagrifiċċju u ma jħalli ebda parti tbandlu jew tiġbdu lejha a skapitu ta' l-azjenda jew tal-ħaddiema. Dr Godfrey Baldacchino bħala osservatur akkademiku qajjem ħafna mistoqsijiet biex wieħed jgħarbel id-dilemma li jista jkollu l-Haddiem Direttur dwar il-lejalta tiegħu lejn l-azjenda u l-haddiema. L-ex Ministru Lino Spiteri fittex li jagħti

definizzjoni tar-rwol ta' Ħaddiem Direttur billi juri x'għandu jkun u x'mgħandux ikun.

Soluzzjonijiet ħhief ma jeżistux. Fl-aħħar tal-forum, l-ex Ministru Spiteri ħabbar it-twaqqif ta' Kumitat biex ifassal Abbozz ta' Kodiċi ta' Prattika għad-Direttur Haddiem. Dan l-abbozz qed jiġi riprodott fl-aħħar ta' dan ir-rapport bħala Appendiċi.

Saviour Rizzo